It-Tlieta 23 ta' Novembru 2021

P9_TA(2021)0461

Prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs): dokumenti bl-informazzjoni ewlenija. Estensjoni tal-arranġament tranżitorju ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibigħu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS (COM(2021)0397 – C9-0326/2021 – 2021/0215(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2022/C 224/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0397),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0326/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Novembru 2021 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0297/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0215

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS jew li jbigħuhom

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2021/2259.)

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.